**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 7 ta' Lulju 2020

Rikors Numru: 203/15 AL

**A B C**

**vs**

**D E**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat[1] tal-attur li permezz tiegħu ippremetta:

1. *Illi l-partijiet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni konsenswali fit-22 ta' Marzu 2013 in atti Nutar Marco Buttigieg li kopja tiegħu annessa u markata Dok A;*

2. *Illi fost il-kondizzjonijiet hemm "imposti" hemm is-segwenti:*
   (i) *L-obbligu tal-attur li jħallas lill-konvenuta intimata bħala manteniment għal binthom minuri s-somma mensili ta' erba mija u għoxrin (€420) ewro liema somma tiżdied b' ħamsin (€50) ewro fix-xhar kull ħames snin kemm-il darba hi ma*

[1] Fol. 1.

*tingħaqadx ma' xi ordni reliġjuża jew tiżżewweġ. (para (e) tal-istess kuntratt).*

3. *Illi minn dak iż-żmien lil hawn iċ-ċirkostanzi finanzjarji tal-attur inbiddlu radikalment kif prevvist fl-artikolu 54(7) tal-Kap 16 stante li fejn kien jaħdem meta' sar il-kuntratt ta' separazzjoni ġie mitlub jitlaq mix-xogħol minħabba cost-cutting exercise li l-kumpanija fejn kien jaħdem, Mangas Gaming Malta Limited, u dan ġara fit-30 ta' April 2013 mentri ċ-ċirkostanzi finanzjarji tal-intimata tjiebu radikalment kif jiġi pruvat waqt din il-kawża;*

4. *Illi inoltre huwa jixtieq jżid is-segwenti fil-paragrafu (c) huwa jixtieq li fis-sub paragrafu (iii) huwa jżid is-segwenti sentenza ċioe li: Il-mara tobbliga ruħha li żżomm il-minuri meta' r-raġel jieħu l-vaganzi tiegħu għal-sebat ijiem konsekuttivi fis-sajf;*

5. *Illi inoltre huwa jixtieq li fl-istess paragrafu (c) fl-istess kuntratt ta' separazzjoni, jiżdied dan is-sub-paragrafu (iv) stante li l-intimata kull darba tirrifjuta li tikkoopera u li qed jiġri li minkejja li l-kuntratt ma jobbligax lil missier li jiġbor u jirritorna lil minuri huwa xorta waħda qed ikollu jagħmel dan u għalhekk jixtieq li jżid is-sub-paragrafu (c) (iv) u cioe li:*

   *Illi r-raġel għandu jiġbor lil minuri waqt il-ħin tal-aċċess mir-residenza tal-Mara u l-Mara għandha tiġbor lil minuri wara l-ħin tal-aċċess mir-residenza tal-Missier għajr meta huwa jwassal lil minuri l-iskola;*

6. *Illi huwa pprova inutilment anke fil-proċeduri tal-medjazzjoni sbaiex jintlaħaq ftehimdwar manteniment aktar raġjonevoli li jkun jirrifletti l-qagħda attwali li huwa ottjena l-awtorizzazzjoni sabiex jipproċedi b'din l-istanza (Dok B- tali awtorizzazzjoni);*

*Talab li l-intimata tgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:*

a) *Tiddikjara li ċ-ċirkostanzi finanzjarjiu ekonomiċi tal-attur inbiddlu radikalment u b'hekk jissusstu ċ-ċirkostanzi kontemplati fl-artikolu 54 (9) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

b) *Tordna l-varjazzjoni fil-kuntratt tas-separazzjoni senjatament fil-klawsoli (c) u (e) tal-istess kuntratt ta' separazzjoni tat-22 ta' Marzu 2013 atti Nutar Marco Buttigieg u dan billi:*

   (i) *Fil-paragrafu (c) tal-kuntratt ta' separazzjoni tat-22 ta' Marzu 2013 tiżdied is-segwenti sentenza fis-sub paragrafu (ii) tal-istess ċioe li: Il-mara tobbliga ruħha li żżomm lill-minuri meta' r-raġel jieġu vaganzi tiegħu għal-sebat ijiem konsekuttivi fis-Sajf; kif ukoll li fl-istess paragrafu (c) jiżdied is-sub-paragrafu (iv) li jgħid: Illi r-raġel għandu jiġbor lil minuri waqt il-ħin tal-aċċess mir-residenza tal-Mara u l-Mara għandha tiġbor lil minuri wara l-ħin tal-aċċess mir-residenza tal-Missier għajr meta' huwa jwassal lil minuri l-iskola.*

   (ii) *Tipprovdi għal manteniment ridott retroattivament mil-jum li fih ma baqgħax aktar fl-istess xogħol b'effett mit-30 t' April 2013 fil-klawsola para (e) tal-istess kuntratt ta' separazzjoni;*

c) *Tinnomina nutar pubbliku sabuex jippublika l-att korrettorju relattiv u kuratur sabiex jirrapreżenta l-eventwali kontumaċja tal-konvenuta;*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimata inġunta ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta ġuramentata[2] tal-konvenuta li permezz tagħha ppremettiet:

1. *Preliminarjament, ir-res judicata in kwantu r-relazzjonijiet bejn il-kontendenti jinsabu regolati b'kuntratt pubblikat min-Nutar Marco Buttigieg fit-22 ta' Marzu 2013, debitament awtorizzat b' digriet ta' din il-Qorti tat-12 ta' Frar 2013, u għalhekk għandu l-istess effetti ta' sentenza bejn il-kontendenti.*

   *L-attur ippreżenta din il-kawża b'abbuż tad-dritt, wara li ġie notifikat bit-talba tal-eċċepjenti għall-ħall taż-żwieġ, bl-intiża ċara li jisfratta dawk il-proċeduri.*

   *Oltre il-kuntratt ta' separazzjoni għandu s-saħħa ta' sentenza, u huwa*

[2] Fol. 32.

*liġi bejn il-partijiet, il-kontendenti ftehmu liberament (klawsola kk) li t-termini u l-kundizzjonijiet stipulati fih ma jistgħux jinbidlu, u jibqgħu jorbtuhom anke jekk iż-żwieġ tagħhom jinħall.*

2. *Preliminarjament ukoll, it-talbiet tal-attur f' din il-kawża huma irritwali in kwantu bażati fuq l-artikolu 54 (7) (recte: 54(9)) tal-Kodiċi Ċivili, billi l-eċċepjenti ma tirċievi, u lanqas irċeviet mas-separazzjoni ebda manteniment mingħandu, u lanqas m'hu jitlob xi tibdil f'dak ir-rigward.*

3. *Fil-mertu u mingħajr preġudizzju, ma tirrikorri ebda raġuni legali għalxiex il-manteniment dovut mill-attur għall-bżonnijiet tal-minuri F C E, li tirrisjedi permanentement mal-eċċepjenti, jiġi ridott, la għall-futur u wisq anqas għall-passat.*

   *Bil-kuntratt ta' separazzjoni, ir-rikorrent obbliga ruħu li jħallas lill-esponenti €420 fix-xahar għall-bżonnijiet kollha tal-minuri, inkluż dawk edukattivi u mediċi, anke straordinarji.*

   *Ir-rikorrent spiċċa mix-xogħol li kellu mal-Mangas Gaming Malta Limited f' April 2013, xahar biss wara li l-kontendenti ffirmaw il-kuntratt ta' separazzjoni, u għal aktar minn sentejn, baqa' jħallas il-manteniment hekk pattwit, mingħajr tnaqqis jew kontestazzjoni.*

4. *F'kull każ, u mingħajr preġudizzju, in kwantu diretta biex l-attur jikkontribwixxi anqas għall-bżonnijiet ta' bintu, it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt, inkluż a bażi tal-artikolu 5 (2) tal-Kodiċi Ċivili billi ma jirriżultax li l-attur talab li jnaqqas il-kontribużżjoni tiegħu għal-manteniment tal-ewwel mara tiegħu. Għall-kuntrarju jirriżulta li, waqt iż-żwieġ mal-eċċepjenti, u minn wara daharha, l-attur assenja lill-ewwel mara tiegħu drittijiet reali ġodda ta' tgawdija fuq propjeta' immobbli li għandhom komuni bejniethom, b'mod li rrinunzja għall-jedd li kellu li jirċievi l-flus ta' sehemu.*

5. *F' kull każ ukoll, in kwantu diretta biex tvarja l-patt dwar il-kura tal-minuri waqt il-vaganzi tal-attur, u t-trasport tal-minuri għall-aċċess u fi tmiemu, l-azzjoni attriċi hija wkoll infondata fil-fatt u fid-dritt billi l-kontendenti diġa waslu f' arranġament sħiħ u komplessiv dwar il-kura*

*u t-trobbija tal-munuri, fl-aħjar interess tal-istess minuri, u liema arranġament m'għandux jinbidele sempliċement għall-kumdita', jew frott il-pika tal-attur.*

6. *Mingħajr preġudizzju wkoll, fir-rigward tal-kura tal-minuri waqt il-vaganzi tal-missier, il-kuntratt ta' separazzjoni diġa' jipprovdi fi klawsola (i) x'għandu jsir meta' xi ġenitur jew ieħor jkun imsiefer. L-eċċepjenti dejjem aderiet ma' dan il-ftehim, u kien biss l-attur li rrifjuta f' diversi okkażjonijiet li jieħu ħsieb lill-minuri waqt li l-eċċepjenti kienet imsiefra.*

7. *F'kull każ u mingħajr preġudizzju wkoll, l-eċċepjenti tieħu ħsieb weħidha il-ħtiġijiet kollha tat-trasport tal-minuri għall-attivitajiet kollha li jkollha matul il-ġimgħa, u dan bi spejjeż tagħha waħedha, filwaqt li r-rikorrent jieħu ħsieb biss li jiġbor u jwassal lit-tifla darbtejn f'ġimgħa jew inqas, meta' jeżerċita l-aċċess. Konsegwentament ma hemm ebda raġuni li tiġġustifika tibdil f' dan l-arranġament.*

8. *F'kull każ, it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-attur.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem l-Perit Legali Dr Maxilene Ellul, ix-xhieda li ddeponew quddiemha u d-dokumenti esebiti mill-istess xhieda;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-attur[3] u n-Nota Responsiva tal-Konvenuta;[4]

Rat ir-Rapport tal-Perit Legali Dr Maxilene Ellul, ipprezentat u debitament maħluf nhar is-6 ta' Mejju 2019;[5]

Rat il-provi prodotti u l-atti ta' dan il-proċediment;

[3] Fol. 243 – 253.
[4] Fol. 255 – 265.
[5] Fol. 1228-1251.

Rat ir-rikors tal-attur għall-korrezzjoni fir-rikors promotur ai termini tal-Artikolu 175 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta ta' nhar is-27 ta' Ġunju 2019[6] u r-risposta tal-konvenuta ta' nhar il-10 ta' Lulju 2019;[7]

Rat id-digriet tal-Qorti tal-15 ta' Lulju 2019, għar-rikors tal-attur ta' nhar is-27 ta' Ġunju 2019, fejn it-talba għal korrezzjoni ġiet akkolta;[8]

Semghet it-trattazzjoni finali taz-zewġ partijiet;

Rat illi l-kawza tħalliet għas-sentenza għal-lum.

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

**1. L-Azzjoni Odjerna:**

Illi l-Qorti għandha quddiemha kawza bejn il-partijiet li huma ġja legalment separati bis-saħħa ta' kuntratt ta' separazzjoni personali, fl-atti tan-Nutar Dr Marco Buttigieg datat it-22 ta' Marzu 2013[9] u kif ukoll divorzjati minn xulxin permezz ta' sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti kif preseduta.[10] Minn dan iz-zwieġ, il-partijiet kellhom wild u ċjoe' F C E li twieldet nhar is-6 ta' Lulju 2005, li fil-prezent għandha ħmistax-il (15) sena. Għaldaqstant, il-kuntratt ta' separazzjoni tal-partijiet, *inter alia,* jirregola l-kura, kustodja, aċċess u manteniment tal-minuri billi jistabbilixxi:

*"c. Illi l-kura u kustodja tat-tifla minuri F C E hija kongunta u kwalunkwe decizjoni li tirrigwarda l-minuri ghandha tittiehed flimkien miz-zewg partijiet. Madanakollu l-minuri F C E ser tkun ordinarjament tghix mal-komparenti D C E b'aċċess għal-komparenti A B C bil-mod kif ġej:*

[6] Fol. 1256 – 1258.
[7] Fol. 1260.
[8] Fol. 1261.
[9] Fol. 4-18.
[10] Fol 479 – 485.

(i) *Kemm-il darba ma jkunx hemm ftehim mod iehor bejn il-partijiet, il-komparenti A B C ghandu d-dritt illi jara lill-minuri F C E darbtejn fil-gimgha bejn jum it-Tnejn u jum il-Gimgha mis-sitta u nofs (6.30) ta' filghaxija sa l-ghada filghodu, u ghal erbgha u ghoxrin siegha (24) konsekuttivi b'mod alternattiv f'jum is-Sibt jew il-Hadd.*

(ii) *Fil-vakanzi tas-sajf, u ghal mill-anqas darbtejn tul l-istess vakanzi, il-komparenti A B C ikollu d-dritt u l-obbligu li jzomm mieghu lill-minuri F C E ghal hamest ijiem konsekuttivi, l-iljieli inkluzi, liema granet ghandhom jinkludu zewgt igranet mhux tax-xoghol. Il-granet ta' access ghandhom jigu maqbula bejn iz-zewgt partijiet.*

(iii) *Fil-vakanzi tal-Milied u tal-Ghid, il-komparenti A Gerlad C ikollu dritt u ibbligu li jzomm mieghu lil minuri F C E ghal mill-inqas tlett ijiem konsekuttivi, l-iljieli inkluzi, liema granet ghandhom jigu maqbula bejn iz-zewgt partijiet.*

*-omissis-*

*e. Illi l-komparenti A Gerlad C qieghed jobbliga ruhu illi jhallas l-ammont ta' erba' mija u ghoxrin Ewro (€420) sal-hames jum tax-xahar bil-quddiem bhala manteniment ghall-imsemmija bintu minuri F C E u dan sakmm il-minuri taghlaq l-eta' ta' tlieta u ghoxrin (23) sena u tkun ghadha tghix mal-komparenti D C E, u kemm-il darba hija ma tinghaqadx ma' xi ordni religjuza jew tizzewweg, liema somma ser tizdied b'hamsin Ewro (€50) fix-xahar kull hames snin".*

Magħdud mal-premess, il-Qorti tevalwa li l-kuntratt in kwistjoni fi klawsola (kk) huwa stabbilit illi: *"It-termini u kundizzjonijiet ta' da nil-kuntratt ma jistghux jinbidlu jekk mhux bil-kunsens taz-zewg partijiet jew b'ordni tal-Qorti. Illi l-istess termini u kundizzjonijiet jibqghu vinkolanti anke fl-eventwalita' illi jiġi ottenut xi digriet ta' divorzju jew li z-zwieg tal-partijiet jigi xolt jew dikjarat null u bla effett minn xi Qorti jew Tribunal kompetenti"*.

L-attur qiegħed jipproċedi bil-kawza odjerna għall-varjazzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni viġenti bejn il-partijiet billi jitlob:

1. Dikjarazzjoni illi ċ-ċirkostanzi finanzjarji u ekonomiċi tiegħu nbidlu radikalment u għaldaqstant jissussistu ċirkostanzi komtemplati f'Artikolu 54 subinċiz 9 tal-Kodiċi Ċivili;
2. Il-varjazzjoni fil-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejn il-partijiet, speċifikament fi klawsola mmarkata (c) u (e) u dan billi:
   (a) Fi klawsola (c)(ii) tizdied is-sentenza: *"Il-mara tobbliga ruhha li zzomm lil minuri meta r-ragel jiehu l-vaganzi tieghu ghal sebat ijiem konsekuttivi fis-Sajf"* sabiex b'hekk klawsola (c)(ii) tiġi taqra fl-intier tagħha: *"Fil-vakanzi tas-sajf, u ghal mill-anqas darbtejn tul l-istess vakanzi, il-komparenti A Gerlad C ikollu d-dritt u l-obbligu li jzomm mieghu lill-minuri F C E ghal hamest ijiem konsekuttivi, l-iljieli inkluzi, liema granet ghandhom jinkludu zewgt igranet mhux tax-xoghol. Il-granet ta' access ghandhom jigu maqbula bejn iz-zewgt partijiet. Il-mara tobbliga ruhha li zzomm lil minuri meta r-ragel jiehu l-vaganzi tieghu ghal sebat ijiem konsekuttivi fis-Sajf"*;
   (b) Fi klawsola (c) jizdied sub-inċiz ieħor u ċjoe' (iv) li jaqra: *"Illi r-ragel ghandu jigbor lil minuri waqt il-hin tal-access mr-residenza tal-Mara u l-Mara ghandha tigbor lil minuri wara l-hin tal-access mir-residenza tal-Missier ghajr meta huwa jwassal lil minuri l-iskola"*;
   (c) Klawsola (e) għandha tiġi emendata fis-sens li l-manteniment għandu jiġi ridott retroattivament mill-jum tat-30 ta' April 2013 u ċjoe' mill-jum li l-impjieg tiegħu mal-kumpanija Mangas Gaming Malta Limited ġie terminat.

## 2. Il-Verzjonijiet tal-Partijiet u l-Provi Miġjuba Minnhom:

*2.1. <u>Verzjoni tal-Attur:</u>*

L-attur kien impjegat mal-kumpanija Mangas Gaming Malta Limited bħala *Human Resources Manager* u dan għal perjodu bejn is-sena 2009 u l-2013. Jispjega ukoll li fil-perjodu bejn l-2006 u l-2009, kien ukoll fil-posizzjoni ta' *Human Resources Manager* izda fi ħdan il-kumpanija

Expekt.com Company Limited, liema kumpanija ġiet mixtrija mill-kumpanija Mangas Gaming Malta Limited. Għaldaqstant, l-attur jirrileva li meta l-kumpnaija Mangas Gaming Malta Limited xtrat il-kumpanija li magħha kien jaħdem l-attur u ċjoe' Expekt.com Company Limited, din zammitu bħala impjegat magħha taħt l-istess kundizzjonijiet ta' xogħol, fejn is-salarju tiegħu għas-sena bazi 2012 kien laħaq is-somma ta' €110,935. B'hekk il-manteniment kif stipulat fil-kuntratt ta' separazzjoni mal-konvenuta kien ibbazat fuq l-introjtu li kellu dak iz-zmien l-attur.

Ġara illi, wara li l-attur iffirma l-kuntratt ta' separazzjoni flimkien mal-konvenuta nhar it-22 ta' Marzu 2013, is-superjuri tiegħu avviċinawh u in vista tal-ezerċizzju ta' ristrutturar li kien jinvolvi *cost-cutting*, il-kuntratt ta' impjieg tiegħu mal-kumpanija Mangas Gaming Malta Limited kellu jiġi terminat fl-aħħar ta' April 2013. L-attur jirrileva li t-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu mal-kumpanija in kwistjoni saret permezz ta' ftehim bejniethom datat 25 ta' Marzu 2013,[11] liema ftehim kien jinkludi kumpens ta' €62,248 lill-attur stante t-telf ta' impjieg. Kien proprju għalhekk li l-attur kompla jħallas il-manteniment għal minuri mingħar kontestazzjoni jew oġġezzjoni, stante li baqa' jħallas tali manteniment mill-kumpens mogħti lilu. Barra minn hekk, jissottolineja li ma jħallasx manteniment lill-ewwel mara tiegħu Mary Lynne Joslin stante li kienet saret emenda fil-kuntratt ta' separazzjoni tagħhom fis-sena 2009.[12]

L-attur jispjega li wara t-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu, dam sitt (6) xhur u nofs mingħajr xogħol u dan minħabba li fil-qasam li fih jispeċċjalizza l-attur ma kienx hawn opportunitajiet. Konsegwentament beda jaħdem mal-kumpanija Ernst & Young Limited bħala *Human Resources Manager* b'salarju ta' €38,000 fis-sena. Ġialadarba l-attur dam bla impjieg għall-perjodu hawn fuq imsemmi u kif ukoll il-paga tiegħu kienet relattivament iktar baxxa minn dik li kellu qabel, irrealizza li l-kumpens li kien ħa mill-kumpanija Mangas Gaming Malta Limited kien għoddu tnaqqar kawzi kollu, u ma kienx ser iwassal sabiex ikompli jonora l-obbligazzjonijiet kollha tiegħu, inkluz il-manteniment għal minuri F C E, hekk kif stipulat fil-kuntratt ta' separazzjoni. Fil-prezent, l-attur jispjega li jinsab impjegat mal-

[11] Fol. 43-46.
[12] Fol. 55-59.

kumpanija Grant Thornton fil-posizzjoni ta' *Human Resources Manager*, liema impjieg beda nhar it-18 ta' Jannar 2016 b'salarju ta' €48,000 annwali.[13]

Wara s-separazzjoni, l-attur biegħ il-fond bl-indirizz *'XX, X, Triq XXX, Iklin',* li bir-rikavat ġie allegat li tħallas is-self fuq id-dar, u s-servizzi tas-sensar u n-nutar. Bil-bilanċ rimanenti mill-bejgħ in kwistjoni, l-attur jgħid li xtara l-mobbli għall-appartament il-ġdid tiegħu ġewwa Santa Venera, liema fond inxtara mill-attur wara s-separazzjoni permezz ta' self minn għand Bank u qiegħed iħallas pagamenti ta' €563.48 fix-xahar.

L-attur jispjega li wara li jnaqqas is-somma ta' €2,273.71 għall-ispejjez u obligazzjonijiet fissi li għandu fix-xahar[14] mill-introjtu tiegħu, jibqagħlu bilanċ f'idejh ta' €489.58. L-attur jgħid li b'dan il-bilanċ li jifdallu f'idejh kull xahar mill-paga tiegħu stess, irid ikopri l-ispejjez essenzjali għalih biex jgħix u kif ukoll dawk tal-minuri għal dak il-ħin li tkun qiegħda miegħu. Madanakollu l-attur jispjega b'din is-sitwazzjoni jħossu jinsab ġo morsa u ma jħossx li huwa ġust, għaliex *"qed ikolli nghix kif nista', b'hafna tqancic u sagrificcji li jbaxxu d-dinjita' tieghi, minkejja li nahdem bla heda u b'mod professjonali"*.

Min-naħa l-oħra jispjega li fir-rigward tal-introjtu tal-konvenuta kien hemm differenza sostanzjali għall-aħjar, fejn qabel is-separazzjoni kellha salarju annwali ta' €25,823, filwaqt li wara s-separazzjoni beda jkollha salarju ta' aktar minn €40,000 fis-sena.[15] L-attur jikkontendi li llum-il ġurnata l-introjtu tal-konvenuta huwa għola minn qabel stante li l-konvenuta tinsab fil-kariga ta' kap tal-iskola St X's High School. Flimkien ma' dan l-introjtu, il-konvenuta tipperċepixxi ukoll iċ-*Children Allowance* għan-nom tal-minuri.

---

[13] Fol 69 – 73.

[14] Li jinkludu: (i) Manteniment għat-tifla għal €420, (ii) Manteniment għas-subien James u Benjamin, C Joslin imwielda minn zwieġ preċedenti għal €260, (iii) Pagament lil D E fuq id-dar għal €280, (iv) Savings Policy għat-tifla għal €58.23, (v) Health Insurance għat-tifla għal €20, (vi) Home Loan għal €563.48, (vii) Personal Loan (ex-visa) għal €137, (viii) Life Insurance fuq il-Loan għal €60, (ix) Insurance tad-dar għal €5, (x) Cable TV u Mobile għal €100, (xi) Petrol għal €150, (xi) Dawl u Ilma għal €100, (xii) Insurance, Services u Liċenzja tal-Karozza għal €100, (xiv) Visa għal €20.

[15] Fol. 62 – 63.

Bla ħsara għal premess, l-attur jkompli billi jikkontendi illi huwa jixtieq li jkollu d-dritt li jitlob ġimgħa mistrieħ matul ix-xhur ta-Sajf, liema perjodu mhux dejjem ikun jikkoninċidi mal-pjanijiet tal-konvenuta. Barra minn hekk u rigward it-traġittar bil-karozza għall-aċċess, il-kuntratt ta' separazzjoni ma jgħid xejn rigward dan. Għaldaqstant, l-attur jissuġġerixxi illi *"fil-weekend, u meta ma jkollix niehu t-tifla l-iskola, D E tigbor lit-tifla hi minghandi minflok ma nwassalha kull darba"* u dan anke sabiex ikun hemm flessibilita' u nuqqas ta' spejjez zejda.

### *2.2. <u>Verzjoni tal-Konvenuta:</u>*

Il-partijiet izzewġu nhar is-26 ta' Ġunju 2004, minn liema zwieġ kellhom tifla waħda, F C E. Dan iz-zwieġ sfaxxa fix-xejn tant li l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Marco Buttigieg nhar it-22 ta' Marzu 2013. Il-konvenuta tikkonferma li qabel ma' l-partijiet isseparaw, hi kienet taħdem bħala Direttur fil-Junior School ta' St Catherine's, filwaqt li l-attur kien *Human Resources Manager* mal-kumpanija Expekt.com Limited u sussegwentament ma' Mangas Gaming Malta Limited. Tgħid li matul is-separazzjoni, ma kienetx taf li l-attur kellu paga ta' madwar €10,000 fix-xahar u dan għaliex qatt ma kienet murija *payslips*. B'hekk kienet taħseb li l-introjtu tal-attur dak iz-zmien ta' madwar €6,000 fix-xahar.

Il-konvenuta tispjega li matul is-separazzjoni tagħhom, l-ikbar kwistjoni ta' bejniethom kienet dik tal-manteniment għat-tifla. Tgħid illi fiz-zwieġ lit-tifla kienu darrewha b'ċertu *lifestyle* u l-konvenuta ma xtaqietx li din il-*lifestyle* tat-tifla tinbidel minħabba s-separazzjoni ta' ommha u missierha. Għaldaqstant sabiex il-konvenuta zzomm lil bintha bil-*lifestyle* kif imdorrija, fil-mori tas-separazzjoni kienet talbet lill-attur sabiex iħallas €700 fix-xahar bħala manteniment għal bintu u dan abbazi tal-kalkolu li l-konvenuta stess għamlet fuq dak li hi kienet diġa' tonfoq għall-bzonnijiet tal-minuri. Il-konvenuta tgħid li l-attur kien oġġezzjonha għal tali somma u offra s-somma ta' €420 fix-xahar, liema somma ġiet aċċettata mill-konvenuta. Dan l-ammont dejjem ġie mgħoddi lill-konvenuta mingħajr problemi u qatt ma ġew sollevati kwistjonijiet fuq l-istess.

Madanakollu, il-konvenuta tispjega li hekk kif l-attur ġie notifikat bil-kawza tad-divorzju f'Mejju 2015, irċiviet karta sabiex tattendi għal medjazzjoni fuq il-varjazzjoni tal-kuntratt tas-separazzjoni fir-rigward tal-minuri. Sussegwentament, u dan in vista li l-medjazzjoni ma rnexxietx, l-attur intavola din il-kawza u dan waqt li kienet għaddejja l-kawza tad-divorzju fejn l-attur oġġezzjona għal tali divorzju preċizament minħabba l-pretensjonijiet mressqa f'din il-kawza odjerna. Minkejja l-oġġezzjoni tal-attur, il-Qorti xorta waħda laqgħat it-talba għal divorzju permezz ta' sentenza datata 7 ta' Lulju 2016.

Il-konvenuta tispjega li *"l-ispejjez tal-hajja u tat-tifla kont inhallashom principalment jien. Il-mizata tal-iskola jhallasha missieri, pero' jiena kont, u ghadni sal-lum inhallas l-ispejjez kollha tal-attivitajiet l-ohra li tattendi ghalihom it-tifla, kemm St Catherine's School stess u anke postijiet ohra. Kont u ghadni nhallas ukoll wahdi l-ispejjez l-ohra kollha tal-iskola, inkluz uniformijiet, kotba u l-bzonnijiet l-ohra kollha. Kull meta t-tifla attendiet attivitajiet extrakurrikulari, dejjem hallasthom jiena wkoll"*. Magħdud ma' dan, il-konvenuta tkompli billi tgħid illi *"Filwaqt li jiena bqajt bejn wiehed u iehor bl-istess paga, u nhallas wahdi l-ispejjez tat-tifla, li kull sena jizdiedu, A qed jibqaghlu aktar flus f'idejh minn meta sseparajna ghaliex naqsulu hafna spejjez li kellu dak iz-zmien. Dak iz-zmien kien ihallas il-manteniment tat-tfal tal-ewwel zwieġ, €260 fix-xahar, li issa ghadu jhallas biss nofsu, u ser jieqaflu ghal kollox xahrejn ohra. Mas-separazzjoni ken beda jaghtini €280 fix-xahar biex hallasni tad-dar li kellna flimkien, u li hadha hu, u issa m'ghadux ihallasni, ghax lahaq hallas kollox. Barra minn hekk, fejn jahdem illlum, ihallsulu l-mobile, u allura dik l-ispiza spiccatlu wkoll"*. Il-konvenuta tispjega li l-ispejjez relatati mat-tifla jammontaw għad-doppju, jew ftit iktar, tal-manteniment li jgħaddilha l-attur u b'hekk ma hemmx lok li l-manteniment jiġi varjat.

Min-naħa l-oħra, il-konvenuta tispjega u dan fir-rigward tat-talba tal-attur sabiex ikollu ġimgħa ta' mistrieħ fis-Sajf, illi minn dak li ezebixxa l-attur stess jidher illi hu dejjem ħa l-btajjel neċessarji mingħajr ebda xkiel da parti l-konvenuta jew binthom. Barra minn hekk u fir-rigward tat-talba tal-attur sabiex ma jibqax jiġbor u jwassal lil minuri fil-bidu u fit-tmiem tal-aċċess

tiegħu, tgħid illi matul il-bqija tal-ġimgħa meta l-minuri tkun magħha hi tieħu ħsieb kull traġitt bil-karozza neċessarju, fejn issemmi bosta ta' attivitajiet u impenji.

*2.2. <u>Provi Oħra:</u>*

Il-Qorti tevalwala li apparti l-verzjonijiet tal-partijiet, ġew imħarka ukoll numru ta' xhieda, fosthom: (i) rapprezentanti ta' banek, (ii) rapprezentant tad-Dipartiment tar-Reġistru Pubbliku, (iii) rapprezentant tal-Jobsplus, (iv) rapprezentant tal-iskola St Catherine's School, u (v) rapprezentant tad-Dipartiment tat-Taxxi Nterni.

## 3. Prinċipji Legali:

In tema legali jingħad illi una volta t-talba in dizamina tikkonsisti f'talba għal varjazzjoni ta' stipulazzjonijiet kontrattwali, il-punto di partenza għandha tkun li dak pattwit f'kuntratt huwa vinkolanti bejn il-partijiet, huwa liġi għall-partijiet li addivjenew għal tali kuntratt u għandu japplika l-prinċipju legal *pacta sunt servanda*. Tali principju huwa inkorporat fil-ligi tagħna permezz tal-Artikolu 992 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta: ***"(1) Il-kuntratti magħmula skont il-liġi għandhom saħħa ta'liġi għal dawk li jkunu għamluhom. (2) Dawn il-kuntratti ma jistgħux jiġu mħassra ħlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet, jew għal raġunijiet magħrufin mil-liġi".***

Dan il-prinċipju huwa meqjus bħala l-prinċipju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti li jirrikjedi li tiġi rispettata l-volonta' tal-kontraenti u kif ukoll il-vinkolu kontrattwali.[16] Fl-istess waqt għandu jingħad illi dak maqbul f'kuntratt ma jistgħax jiġi rizolt bis-sempliċi volonta' unilaterali ta' wieħed mill-kontraenti, fil-fatt il-liġi stess teziġi illi kuntratt jista' jiġi biss mħassar bil-kunsens tal-partijiet jew għal raġunijiet stipulati fil-liġi stess.[17]

---

[16] **Grace Spiteri vs. Carmel sive Lino Camilleri et**, deċiza mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta' Mejju 2002.
[17] **Eric Schembri et nomine vs. Lewis Baldacchino,** u **Frank Salt Real Estate Limited vs. Edward Anthony Ellul Sullivan pro. et noe**, deċizi mill-Qorti tal-Appell nhar il-11 ta' Novembru 1997 u t-8 ta' Jannar 2010, rispettivament.

F'dan il-kuntest, din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **John Debono vs. Carmela Debono illum Xerri**, deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar il-24 ta' April 2015, fejn ġie ribadit illi: *"Huwa certament minnu li mill-punto di vista etiku u anke legali li l-kuntratti ghandhom jigu esegwiti in bona fede u jobligaw mhux biss ghal dak li jinghad fihom izda ukoll ghall konsegwenzi kollha li ggib maghha l-obligazzoni skont ix-xorta taghha bl-ekwita', bl-uzu jew bil-ligi kif qalet is-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza* ***Cefalu et vs Gauci nomine LXXX.IV.1359).*** *F' dan il-kaz ma tidhol ebda kwistjoni ta' xi malafede u il-gurisprudenza nostrali hi kostanti filli irriteniet illi mhix ammissibbli li prova testimonjali kontra jew in aggunta ghall kontenut ta' att miktub u hi talvolta ammessa biex tikkjarifika l-intenzjoni tal-partijiet meta din hija espressa b' mod ambigwu. (****Beacom vs Spiteri Staines – Appell Civili - 5 ta' Ottubru 1998****) – Fil-kaz in kwistjoni ma hemm ebda ambigwita fil-kuntratt u l-attur qed jinvoka tibdil fic-cirkostanzi tal-partijiet. "Fis-sentenza ta' l-Prim Awla fl-ismijiet* ***General Cleaners Limited vs Accountant General et (29 ta' Novembru 2001)*** *intqal li bhala principju generali l-ligi u senjatament l-artiklu 1002 tal-Kodici Civili jghid li 'meta l-kliem ta' konvenzjoni, mehud fis-sens li ghandhu skont l-uzu fiz-zmien tal-kuntratt, hu car, ma hemmx lok ghal ebda interpretazzjoni. Il-principju kardinali li jirregola l-istitut tal-kuntratti jibqa dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandhu jigi rispettat u li hi l-volonta' tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li jellha tipprevali u trid tigi osservata –* ***pacta sunt servanda".***

Fil-kaz odjern għandna kuntratt ta' separazzjoni bejn il-partijiet, li qiegħed jirregola numru ta' kwistjoni izda ma hemmx il-kunsens taz-zewġ partijiet sabiex issir il-varjazzjoni hekk kif mitluba mill-attur. Għaldaqstant irid jiġi ezaminat jekk hemmx raġunijiet magħrufin mil-liġi li jistgħu jwasslu għall-varjazzjoni mitluba. L-attur qiegħed jitlob varjazzjoni fil-manteniment versu l-minuri u kif ukoll fil-modalita' tal-kura tal-istess minuri, fejn il-Qorti tinnota illi l-attur jibbaza l-azzjoni tiegħu fuq Artikolu 54 subinċiz 9 u l-Artikolu 21 subinċiz 1 tal-Kodiċi Ċivili li jittrattaw l-obbligu tal-manteniment. Fir-rigward tal-kura tal-minuri, il-Qorti tevalwa li l-attur ma jibbazax it-talba tiegħu fuq ebda artikolu tal-liġi b'mod speċifiku, madanakollu l-Qorti tinsab konvinta u dan mill-qari tar-rikors promotur stess, li l-attur qiegħed jibbaza din il-

parti tal-kawza tiegħu fuq Artikolu 56 subinċiż 4 tal-Kodiċi Ċivili. Dawn l-artikoli tal-liġi msemmija jistipulaw:

***"21. (1) Meta min jagħti l-manteniment jiġi fi stat li ma jkunx jista jagħti aktar il-manteniment kollu jew biċċa minnu, hu jista' jitlob li jkun meħlus mill-obbligu tiegħu jew li tkun imnaqqsa s-somma tal-manteniment, skont ma jkun il-każ".***

***"54. (9) Meta jkun hemm tibdil li jiġri wara fil-mezzi tal-parti responsabbli għall-manteniment jew il-bżonnijiet tal-parti l-oħra, il-qorti tista', fuq it-talba ta' kull waħda mill-partijiet, tordna li dak il-manteniment jinbidel jew jitwaqqaf skont il-każ. Iżda, meta tkun tħallset somma globali jew tkun ingħatat proprjetà b'sodisfazzjon totali tal-obbligu ta' parti li tħallas manteniment lill-parti l-oħra, ir-responsabbiltà kollha tal-ewwel parti għall-manteniment tat-tieni parti tieqaf. Iżda meta s-somma globali tkun tħallset jew il-proprjetà tkun ingħatat bħala parti biss mill-imsemmi obbligu, il-qorti għandha, meta tordna l-ħlas tas-somma globali jew l-għoti tal-proprjetà, fl-istess ħin tistabbilixxi l-parti tal-manteniment li tkun hekk sodisfatta u kull tibdil li jiġri wara għandu f'dan il-każ ikun japplika biss għal dik il-parti li ma tkunx sodisfatta u fl-istess proporzjon għaliha".***

***"56. (4) Il-qorti tista', f'kull żmien, tirrevoka jew tibdel dawk l-ordnijiet dwar l-ulied, meta l-interessi tal-ulied hekk jitolbu".***

Fis-sentenza fl-ismijiet **Walter Borg St John vs Christine Borg St John**, deċiza mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-31 ta' Mejju 2002, ingħad illi: *"Il-kuntratti ta' separazzjoni konsenswali pero' huma kuntratti partikolari u normalment jittrattaw tlett tipi ta' obbligazzjonijiet - dawk purament personali, dawk purament proprietarji, u dawk misti. Fl-obbligazzjonijiet purament personali bhal ma hija l-kwistjoni tal-kura u kustodja tal-minuri ma hemmx dubbju illi, anke fl-interess suprem tal-minuri, il-Qorti tista' fi kwalunkwe hin tbiddel anke dak pattwit mill-partijiet fejn ic-cirkostanzi hekk jirrikjedu. Ghall-kuntrarju, per ezempju, fil-likwidazzjoni u assenjazzjoni reciproka tal-komunjoni ta' l-akkwisti l-Qorti hija totalment*

*marbuta bil-kunsens tal-partijiet u dak deciz minnhom ma jistax jigi varjat ikunu x'ikunu c-cirkostanzi li jinqalghu. Il-pagament ta' l-alimenti u mill-1993 id-decizjoni dwar id-dar konjugali jappartjenu minn dawk l-obbligazzjonijiet li ghandhom natura mista peress illi hemm l-elementi tal-personali u tal-parafernali".* Għaldaqstant fl-azzjoni odjerna *si tratta* l-varjazzjoni ta' dawk l-obbligazzjonijiet personali u misti.

Bħala regola ġenerali jrid jingħad illi fir-rigward tal-kura tal-ulied, il-Qorti tirriafferma li dak li għandu jipprevali hu l-prinċipju tal-aqwa utilita' u l-akbar vantaġġ għall-interess suprem tal-minuri, liema prinċipju għandu japplika waqt iz-zwieġ tal-ġenituri u kif ukoll wara separazzjoni, *sia* ġudizzjarja jew konsenswali. Min-naħa l-oħra u fir-rigward tal-manteniment versu l-ulied, il-Qorti tibda sabiex tirriafferma li dan huwa prinċipju legali msejjes fuq l-Artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jistipula: "***Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodiċi."*** L-artikolu 3B tal-istess Kodiċi jistipula illi: "***Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil ulied li jiġu miż-żwieġ skond il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet ta' l-ulied***." Għalhekk abbażi tal-premess, jirriżulta mid-dispożizzjonijiet tal-liġi, li l-ġenituri għandhom l-istess obbligi verso l-ulied tagħhom, u għalhekk it-tnejn li huma għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija tal-istess. Kull ġenitur għandu jipprovdi sabiex jassigura li uliedu għandhom manteniment adegwat li ai termini tal-Artikolu 19 subinċiz 1 u 2 tal-Kodiċi Ċivili għandu jkopri l-ikel, ilbies, saħħa, abitazzjoni u spejjez reltati mal-istess saħħa u edukazzjoni. Ċertament li l-obbligi mnissla miż-żwieġ, isofru mutament fil-kors u wara separazzjoni bejn il-partijiet. B'hekk l-obbligu taż-żewġ ġenituri lejn l-ulied jibqa' l-istess fi kwalsiasi sitwazzjoni tal-ħajja, liema obbligu jkun dettat skont il-mezzi tiegħu, ikkalkulati skond id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 20 tal-istess Kodiċi Ċivili, u l-bżonnijiet tal-istess minuri.

Jiġi spjegat illi f'ambitu ta' separazzjoni personali *ex contractu*, kien hemm zmien fejn il-Qrati tagħna kienu ferm riġidi tant li ma kienux jippermettu ebda varjazzjoni, inkluz varjazzjonijiet fir-rigward ta' mantenimenti u kura tal-ulied. Madanakollu, maz-zmien din l-inflessibilita' naqset ftit, izda ma ġietx eradikata għal kollox, u dan kif rifless mill-ġurisprudenza nostrana.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Alfred Grech vs Pauline Grec**h, deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar id-29 ta' Jannar 2003 u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell nhar is-16 ta' April 2004, ġie ribadit illi:

*"Kif imfisser mill-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza **V. Camilleri pro et noe vs M. F. A. Kareem** deciza fit-2 ta' Novembru, 1994 id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 21(1) u 54(7) tal-Kodici Civili ma japplikawx ghall-manteniment pattwit bejn il-partijiet, b'mod li jibqa' jregi l-principju stabbilit fl-artikolu 992 tal-Kodici Civili li kuntratti maghmula skond il-ligi ghandhom sahha ta' ligi ghal dawk li jkunu ghamluhom u dawn il-kuntratti ma jistghux jigu mhassra hlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet, jew ghar-ragunijiet maghrufin mill-Ligi. Fl-istess sentenza il-Qorti applikat il-principju "nemo ad impossibilia tenetur" li wiehed isib ukoll fl-artikolu 985 tal-Kap 16.*

*Il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza **M. Vella v M. Vella** tal- 11 ta' Jannar, 1996 irriteniet li:-*

*Huwa minnu li "ad impossibilia nemo tenetur". Dan pero' biss f'cirkostanzi l-aktar eccezzjonali u ben provati meta l-Qorti tkun ghal kollox konvinta li c-cirkostanzi godda mhux biss ikkagunaw l-"impossibilita'" fis-sens reali u estrem tal-kelma, imma wkoll li tali cirkostanzi kienu ghal kollox inevitabbli u ma gewx provokati b'xi agir tad-debitur. Semplici tibdil f'sitwazzjoni finanzjarja wahdu ma jaghtix id-dritt ghar-revizjoni tal-obbligu ghall-hlas ta' retta alimentari liberament assunt. Hu car li l-obbligazzjonijiet kontrattwali ghandhom jigu rispettati u osservati. Ghalkemm hu minnu li l-Ligi llum ma taghmel l-ebda distinzjoni bejn il-manteniment "ex lege", jigifieri dak determinat b'sentenza tal-Qorti, jew dak "ex contractu", in kwantu tezisti l-possibilita' ta' min hu obbligat li jhallas ilmanteniment li "jitlob li jkun mehlus mill-obbligu jew ikun imnaqqas skond ma jkun il-kaz", jekk jigi fi stat li ma jkunx jista' jaghti aktar il-manteniment kollu jew bicca minnu, (art. 21 (1) tal-Att XXI tal-1993) jibqa' japplika dejjem il-principju illi Pacta Sunt Servanda. Dan ifisser li fil-kaz ta' manteniment stabbilit ex contractu, il-kriterji li ghandhom iwasslu lill-Qorti biex tvarja, u anke f'certi kazijiet tissospendi, l-obbligu ghall-manteniment, huma aktar rigidi u gravi minn dawk li tista' tapplika l-Qorti fil-kazijiet fejn hi stess stabbiliet ir-retta alimentari minghajr il-kunsens tal-konjugi. Kien ghal din ir-raguni u f'dan il-kontest li l-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet: **Victoria Camilleri - vs - Mohammed Farag Abdul Kareem**, deciza fit-2 ta' Novembru, 1994,*

*htigielha taghmel ir-rikjam ghall-principju generali li wkoll jirregola l-interpretazzjoni tal-kuntratti li hadd ma jista' jigi tenut jaghmel l-impossibbli".*

Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet premessi, kompliet billi għallmet illi: *"Il-Qorti ezaminat din il-parti ta' l-aggravju u fil-fehma taghha dak li gie ritenut mill-ewwel Qorti huwa sostanzjalment korrett. Huwa minnu li l-ligi civili taghna ma toqghodx tiddistingwi bejn manteniment impost jew ordnat mill-Qorti minn iehor pattwit bejn il-konjugi nfushom ghall-fini ta' varjazzjoni. Imma l-appellant messu jaf ukoll li fejn si tratta ta' ftehim per via ta' kuntratt ghandu wkoll jghodd fermament il-principju ta' pacta sunt servanda. Il-Qrati taghna, minkejja li fil-bidu jirrizulta li addottaw posizzjoni rigida, anzi wahda inflessibbli, meta gew rinfaccjati b'talbiet ghal revizjoni u/jew varjazzjoni ta' retti alimentari li jkunu gew miftehma bejn il-konjugi stess, mal-milja taz-zmien hassew in-necessita` li fl-interess ta' l-ordni pubbliku, li hu suprem u aqwa minn kull ligi jew ftehim bejn il-partijiet, kellhom jikkoncedu illi taht certi cirkostanzi li gew ikkwalifikati bhala ta' natura gravi, eccezzjonali jew indipendenti mill-volonta` ta' l-attur li gabuh fl-impossibilita` li jhallas r-retta alimentari, allura f'kazi simili jista' jkun hemm lok ghal varjazzjoni. Fil-fehma kunsidrata ta' din il-Qorti, din il-linja flessibbli fil-kazi propizji hija wahda ferm gusta mill-posizzjoni addottata qabel. Effettivament, din il-Qorti jidhrilha wkoll li hemm, u mhux ma hemmx, differenza bejn manteniment ordnat mill-Qorti "ope legis" minn iehor miftiehem volontarjament mill-konjugi stess. Fit-tieni kaz, wiehed ghandu jipprezumi li trattandosi hawn ta' ftehim ta' separazzjoni bonarja u mhux ko-atta jew forzata, li l-partijiet ftehmu fl-ahjar interess taghhom it-tnejn. Jekk dan kollu ma fehmux illegali ta' l-attur, l-attur jidher li kien konsapevoli ghall-ahhar tieghu".*

Dan l-insenjament baqa' jiġi applikat mas-snin, u di fatti l-istess Qorti tal-Appell, riċentament u ċjoe' nhar id-29 ta' Jannar 2016, għall-darb' oħra kompliet tirriafferma l-istess fis-sentenza fl-ismijiet **Saviour Galea vs Carmela Galea**, fejn ġie ritenut b'mod speċifiku għal kwistjonijiet ta' manteniment illi: *"fir-rigward tal-manteniment illi jkun gie miftiehem bejn il-mizzewgin permezz ta' kuntratt f'separazzjoni konsenswali, il-Qrati taghna sa minn zmien* ***Sir Adriano Dingli*** *(**Vol 9 pagna 463**) dejjem irritenew illi manteniment iffissat minn kuntratt ta' separazzjoni ma jistax jigi varjat,*

*differentement minn dak iffissat mill-Qorti. Dan il-punt gie konfermat diversi drabi anke per esempju taht il-presidenza ta'* ***Sir Arturo Mercieca*** *fis-26 ta' Ottubru 1937 fejn intqal illi l-legislatur ried jaghti lis-separazzjoni personali konsenswali in-natura ta' veru kuntratt b'mod li l-pattijiet li jsiru fiha ma jistghux jigu mibdula minghajr il-kunsens komuni tal-partijiet ... … … il-klawsola dwar l-alimenti ma tistax tigi modifikata mill-Qorti jekk ikun hemm opposizjoni minn wahda mill-partijet* ***(Vol 29.1.1121****). Il-Qorti ma thossx li ghanda tissofferma iktar fuq dan il-punt fit-tul u taghmel biss riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet* ***Alfred Grech v. Pauline Grech*** *deciza fis-16 ta' April 2004 fejn din il-kwistjoni giet spjegata fit-tul. Hemmhekk il-Qorti filwaqt li ikkoncediet li l-pozizzjoni tal-Qrati taghna fir-rigward ma baqghetx daqshekk rigida, ukoll ikkonkludiet li hemm differenza f'dan ir-rigward bejn manteniment miftiehem f'kuntratt ta' separazzjoni ghal wiehed impost mill-Qorti. (sottolinejar ta' din il-Qorti) Minn din is-sentenza allura johrog li huwa minnu li kien hemm kazi fejn il-qrati ezentaw lill-parti li kienet obligat ruhha li thallas il-manteniment miftiehem permezz ta' kuntratt, izda dan biss f'kazi fejn dik il-persuna kienet giet fl-impossibilita` li tkompli thallas dak l-ammont u mhux f'diffikulta` li tibqa' taghmel hekk. Il-Qorti trid allura tinvestiga jekk il-bdil tac-cirkostanzi kienx tali li wassal ghal din l-impossibbilita' (…)".*

Għaldaqstant mill-ġiurisprudenza appena ċitata, jidher illi fir-rigward ta' separazzjoni *ex contractu,* dawn jistgħu biss jiġu varjati f'kaz li tiġi stabbilita u ppruvata li l-persuna titlob il-varjazzjoni sfat fl-impossibilita', u mhux sempliċiment diffikulta', li tkompli tħallas l-ammont maqbul bejn il-partijiet.

## 4. Applikazzjoni tal-Prinċipji Legal għall-Kaz Odjern:

Applikati dawn il-prinċipji għal kaz in dizamina jingħad illi l-Qorti trid għaldaqstant tinvestiga jekk il-bdil taċ-ċirkostanzi tal-attur kienx tali li wassal għal l-impossibbilita' tiegħu, u mhux sempliċiment diffikulta', li jħallas is-somma kollha ta' €420 bħala manteniment għal bintu, u dan skont il-kuntratt ta' separazzjoni datat 22 ta' Marzu 2013.

Fl-ewwel lok u in kwantu għall-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-konvenuta li ġialadarba r-relazzjonijiet ta' bejn il-kontendenti jinsabu regolati b'kuntratt pubbliku, tali kuntratt għandu l-istess effetti ta' sentenza u b'hekk għandu jkun meqjus li għadda in ġudikat, u li t-termini u kundizzjonijiet stipulati fil-kuntratt ta' separazzjoni in kwistjoni, ma jistgħux jinbidlu, il-Qorti tibda sabiex tirrileva illi l-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejn il-partijiet għandu s-saħħa legali neċessarja, fejn il-partijiet volontarjament u konxjament jagħzlu li jorbtu lilhom nfushom b'dawk il-kundizzjonijiet relevanti.

Madanakollu l-Qorti tkompli billi tissottolineja illi tali kuntratt ta' separazzjoni ai termini tal-Artikolu 59 tal-Kodiċi Ċivili, bħal kwalsiasi kuntratt ieħor, ma jfissirx li ma jistgħax jiġi impunjat u dan għal numru ta' raġunijiet. Fil-kaz odjern, u dan kif sewwa irriteniet il-konvenuta, klawsola (kk) tistipula li t-termini u l-kundizzjonijiet tal-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejn il-partijiet ma jistgħux jinbidlu, madanakollu l-konvenuta tonqos milli ssemmi li l-istess klawsola tkompli billi tgħid illi *se mai* tali varjazzjoni fil-kuntratt trid issir *"bil-kunsens taz-zewg partijiet jew b'ordni tal-Qorti"*. Għaldaqstant, mill-qari ta' din il-kalwsola jidher ċar x'kien l-intendiment tal-partijiet meta ġiet abbozzata din il-klawsola u ċjoe' li bil-konsapevolezza tagħhom stess ħallew lilhom nfushom il-fakolta' li fl-eventwalita' li xi ħadd minnhom jressaq 'il quddiem ix-xewqa li jvarja kundizzjoni tal-kuntratt innifsu dan jista' jsir b'ordni tal-Qorti f'kaz li l-parti l-oħra toġġezzjona li tagħti l-kunsens tiegħu/tagħha. Fid-dawl ta' dan, il-Qorti ma tistgħax tilqa' tali eċċezzjoni.

Fit-tieni lok u fir-rigward tat-tieni eċċezzjoni tal-konvenuta, fejn eċċepiet illi t-talbiet tal-attur huma irritwali in kwantu bbazati fuq l-Artikolu 54(7) tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tgħid illi din il-kwistjoni ġiet sorvolata permezz tad-digriet ta' din il-Qorti tal-15 ta' Lulju 2019,[18] fejn it-talba tal-attur għall-korrezzjoni fir-rikors promotur fir-rigward tal-artikolu tal-liġi, ġiet akkolta.

Fil-mertu, il-Qorti tevalwa li l-attur jibbaza l-azzjoni tiegħu fuq il-fatt illi l-introjtu tiegħu m'għadux l-istess u jikkontendi li dan naqas drastikament.

[18] Fol. 1261.

Jkompli billi jgħid li min-naħa l-oħra l-konvenuta zdiedet ferm fil-paga tagħha. Għaldaqstant u dan sabiex l-attur ma jgħix *"b'hafna tqancic u sagrificcji li jbaxxu d-dinjita' tieghi"*, huwa jippretendi li l-manteniment tal-minuri għandu jiġi ridott u *di piu'* id-differenza fil-manteniment għandha tintrodd lura lilu b'mod retrospettiv sa mit-30 ta' April 2013.

Il-Qorti tevalwa li ma hemmx kontestazzjoni li l-attur jinsab f'impjieg ġdid u li m'għadux jaqla' l-introjtu bħalma kien qabel meta kien għadu ingaġġat mal-kumpanija Mangas Gaming Malta Limited. Illum il-ġurnata, l-attur jinsab impjegat ma' Grant Thornton u għandu introjtu nett ta' iktar minn €3,000 fix-xahar, filwaqt li qabel mal-kumpanija Mangas Gaming Malta Limited, l-attur kellu introjtu nett ta' iktar minn €6,000. Barra minn hekk, il-Qorti evalwat it-tabella pprovduta mill-attur stess fejn jelenka l-ispejjez tiegħu ta' kull xahar, jammontaw għas-somma ta' €2,273.71, liema spejjez huma kollha kkorraborati permezz ta' dokumenti.

Minkejja li l-attur isemmi numru ta' obbligazzjonijiet finanzjarji li għandu jonora, inkluz il-manteniment ta' bintu F C E, il-Qorti tinnota illi uħud minn dawn l-obbligazzjonijiet illum m'għadhomx viġenti, fosthom: (i) il-manteniment ta' €260 lil uliedu oħra minn zwieġ preċedenti u dawn għax illum maġġorenni, (ii) is-somma ta' €280 lill-konvenuta għad-dar matrimonjali, liema obbligu ġie tterminat fl-2016 skont il-kuntratt ta' separazzjoni stess, (iii) pagament ta' €137 tal-visa, liema obbligu kien għal perjodu ta' ħames snin li jagħlqu fis-sena 2019, (iv) pagament ta' €50 tal-*mobile*, ġialadarba dan qiegħed jingħata kumpens skont il-kuntratt tax-xogħol, u (v) pagament ta' €75 għal petrol, ġialadarba jingħata kumpens skont il-kuntratt tax-xogħol. Fil-fatt fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu stess, l-attur jikkonferma li l-ispejjez li għandu fil-prezent jammontaw għal €1,487 fix-xahar, u dan inkluz il-manteniment mensili tal-minuri F C E. Għaldaqstant, l-obbligi finanzjarji tal-attur fil-prezent huma ferm inqas minn kif kienu qabel fl-2013 u kif konfermat mill-attur stess fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, il-bilanċ rimanenti wara li l-ispejjez imsemmija jinqatgħu mill-introjtu in kwistjoni, huwa dak ta' €1,719. Fid-dawl ta' dan, il-Qorti ma tistgħax tifhem kif l-attur baqa' jinsisti li qiegħed jgħix bit-tqanċiċ u s-sagriffiċċji, li skontu tali problema tista' tirrisolvi ruħha permezz ta' riduzzjoni fil-manteniment għal bintu stess. Madanakollu l-Qorti tikkalkula li l-attur għandu dħul nett ta' €36,000 u l-ammont li jħallas lill-martu bħala

manteniment għal bintu huwa dak ta' ċirka €5,000 fis-sena. B'hekk il-Qorti tista' faċilment tasal għall-konkluzjoni li l-attur ma huwiex fl-impossibbilita' li jonora l-ftehim li daħal għalih anke' jekk huwa konċess li għandu obbligi finanzjarji oħra fix-xahar, liema obbligi kienu diġa' a konoxxenza tiegħu meta ffirma l-kuntratt fl-2013. Il-Qorti tikkonferma li t-test imsemmi mill-attur fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, liema test huwa elenkat fis-sentenza fl-ismijiet **Francis Enriquez vs Sylvia Enriquez**, mogħtija mill-Qorti tal-Appell nhar il-11 ta' Marzu 2016, ma jistgħax japplika għal kaz odjern u dan għaliex l-azzjoni odjerna titratta separazzjoni *ex contractu* u mhux permezz ta' sentenza kif ġara fil-kaz iċċitat minnu.

Min-naħa l-oħra u sa fejn l-attur qiegħed jitlob varjazzjoni fil-kuntratt dwar il-vaganzi tas-sajf u t-traġittar bil-karozza, din il-Qorti tqis illi s-sitwazzjoni kif ġiet regolata permezz tal-kuntratt ta' separazzjoni, ma jidhirx li qiegħda toħloq xi preġudizzju lill-minuri nnifisha. Il-Qorti tfakkar li għandha l-fakolta' li tiddeċiedi dwar dawk it-talbiet rigward il-modalita' tal-kura tal-minuri, izda dan meta jkun fl-interess suprem tal-minuri. Minn dak evalwat mill-atti proċesswali jidher li t-talbiet tal-attur huma mmirati sabiex ikomplu joħolqu pika bejn il-partijiet, li ormai huma ddivorzjati minn xulxin.

Rigward il-vaganzi tas-sajf, il-Qorti tirrileva li mill-bran tal-kuntratt tas-separazzjoni nnifsu huwa stabbilit li dak li qiegħed jintalab mill-attur, jinsab diġa' maħsub u pprovdut fl-imsemmi kuntratt. Fil-fatt il-Qorti tagħmel referenza għal klawsola (c)(i) u dik (i), li jistabbilixxu s-segwenti:

*"(c)(i) <u>Kemm-il darba ma jkunx hemm ftehim mod iehor bejn il-partijiet</u>, il-komparenti Micahel B C ghandu d-dritt illi jara lill-minuri F C E darbtejn fil-gimgha bejn jum it-Tnejn u jum il-Gimgha mis-sitta u nofs (6.30) ta' filghaxija sa l-ghada filghodu, u ghal erbgha u ghoxrin siegha (24) konsekuttivi b'mod alternattiv f'jum is-Sibt jew il-Hadd";*

*"(i) <u>il-komparenti konjugi C jaqblu u jiftiehmu illi meta wahda minnhom ser ikun imsiefer, il-minuri F C E ghandha toqghod mal-genitur li jibqa Malta</u>. Ghaldaqstant qed jigi maqbul illi dik il-parti li ser tkun imsiefra ghandha tgharraf lill-parti l-ohra mill-aktar fis bl-impenji taghha dan sabiex il-parti illi tkun ser tibqa Malta tilhaq taghmel l-arrangamenti fil-konfront tal-minuri.*

*Il-partijiet jaqblu illi d-dati relatati mas-safar sakemm ikun possibli ghandhom jigu maqbula bejntiehom”* (sottolinejar tal-Qorti).

Dan ifisser illi l-kuntratt innifsu diġa’ jaħseb għal dawn l-istanzi li jsemmi l-attur u ċjoe’ fejn ikun jista’ jistrieħ għal sebgħat ijiem konsekuttivi fil-perjodu tas-Sajf u dan meta t-tifla ma tkunx miegħu. Il-Qorti tenfasizza illi l-klawsola (c)(i) tidher li hija wiesgħa apposta sabiex b’hekk tagħti l-opportunita’ lill-partijiet jaslu għal ftehim bejniethom rigward it-tifla u dan tenut kont ukoll il-bzonnijiet tagħhom bħala adulti. Magħdud ma’ dan, klawsola (i) ukoll tagħti din il-faċlita’ lil partijiet u dan b’mod partikolari fejn jidħol safar. Għaldaqstant il-Qorti twiddeb lil partijiet sabiex jagħmlu l-almu tagħhom sabiex jegħlbu l-pika ta’ bejniethom u ma jfixklux lil xulxin. Illum-il ġurnata il-partijiet huma divorzjati u ai termini tal-kuntratt tas-separazzjoni nnifsu, il-partijiet għandhom id-dritt li jgħixu l-ħajja b’mod indipendenti minn xulxin, filwaqt li jfittxu l-aqwa interessi tal-minuri. Aġir kuntrarju għal dan propost mill-Qorti, fejn tirrenja l-pika u l-bsaten fir-roti, zgur li ma jgħinx fit-trobbija tal-minuri. Għalhekk il-partijiet għandhom jakkomodaw lil xulxin billi jilħqu kompromessi sabiex b’hekk jgħixu ħajja amikevoli bl-iskop aħħari li ma jagħmlu l-ebda ħsara lil minuri. In vista tal-fatt li din it-talba hija bbazata fuq disgwid kontinwu bejn il-partijiet u mhux għall-interess suprem tal-minuri, il-Qorti ma tistgħax tgħaddi sabiex tilqa’ t-talba.

L-istess għandu japplika fir-rigward tat-traġittar bil-karozza. Għalkemm il-kuntratt innifsu ma jipprovdi xejn fir-rigward ta’ min għandu jwassal u/jew jiġbor lil minuri mill-aċċess jew minn kwalunkwe impenn relatat ma’ saħħa, edukazzjoni u/jew attivitajiet extra-kurrikulari, dan ma jfissirx li l-partijiet ma jistgħux jifthemu rigward l-istess. Madanakollu, tali talba tkompli tikkonferma l-atmosfera pikuza ezistenti bejn il-partijiet. Min-naħa waħda għandek lill-attur li jisħaq illi t-traġitt bil-karozza sabiex jiġbor lil minuri għall-aċċess u jwassalha lura, jinvolvi spejjez zejda u nuqqas ta’ flessibilita’, filwaqt li min-naħa l-oħra l-konvenuta tilmenta li għajr għall-aċċess mal-missier, hi twassal lil minuri għal kull impenn ieħor. Dan juri biċ-ċar li t-talba in kwistjoni ma saritx bl-iskop li jiġu salvagwardjati l-interessi tal-minuri. Il-Qorti tevalwa li z-zewġ partijiet isuqu u t-tnejn għandhom obbligu lejn il-minuri. Għaldaqstant temmen li din it-talba hi

superfluwa għaliex is-sitwazzjoni prezenti toħloq bilanċ bejn il-partijiet. Apparti minn hekk, l-Qorti tinsab konvinta li fil-mument tal-kuntratt tas-separazzjoni, l-attur seta' jipprevedi illi huwa kien ser jinkorri l-obbligu li f'xi waqtiet kien ser ikollu jwassal u jiġbor lil bintu bil-karozza. Il-Qorti tħoss li dan il-ħin fil-karozza bejn il-missier u l-bint, jekk xejn, huwa kontinwazzjoni tal-aċċess fejn ikomplu jqattgħu iktar ħin flimkien. Għaldaqstant, il-Qorti tħoss illi l-attur għandu jgħozz kull ħin zejjed li jqatta' ma' bintu u dan anke' jekk jiswieh ftit iktar fi flus.

**DEĊIDE:**

Għalhekk, għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tiddisponi mill-eċċezzjonijiet tal-konvenuta u tgħaddi sabiex tiċħad it-talbiet tal-attur. L-ispejjez kollha a karigu tal-attur.